VALLETTA
*Città Umilissima*

# KUNSILL LOKALI
# L-BELT VALLETTA

# RAPPORT AMMINISTRATTIV
# 2012

**Introduzzjoni**

Għaddiet sena oħra ta' ħidma – sena li fiha kellna diversi u bosta sfidi u xogħol li sar u li għad irid isir fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta. Hawn nixtieq nirringrazzja lis-Sinjorina Gabriella Agius li bħala Segretarja Eżekuttiva wriet ħidma eċċezzjonali fi ħdan il-Kunsill Lokali tagħna.

Dan wassal biex il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta jibqa' għaddej b'ritmu mgħaġġel fuq il-programm u l-pjan ta' ħidma tiegħu. Fis-sena 2012 kellna diversi tragwardi li l-Kunsill irnexxielu jilħaq biex il-Belt Kapitali tibqa' tiġi msebbħa għal ġid tar-residenti tagħna. Dwar dan kollu nagħti dettall aktar il-quddiem f'dan ir-rapport. Kulħadd jaf li ħidmietna fil-Belt Valletta mhux waħda faċli u għalhekk tajjeb li meta wieħed jitkellem fuq il-Kunsill jew aħjar jikritika lill-Kunsill, għandu jżomm quddiem għajnejh ħafna fatturi fil-perspettiva korretta.

**Attendenza**

Minn Jannar 2012 sa Diċembru 2012:

| Isem | Attenda | Skużat | Assenti |
|---|---|---|---|
| Alexiei Dingli | 13 | 0 | |
| Joseph Spiteri | 10 | 3 | |
| Vincent Farrugia | 11 | 2 | |
| Peter Buontempo | 8 | 5 | |
| Valerie Borg | 12 | 1 | |
| Mario Camenzuli | 8 | 5 | |
| Raymond Azzopardi | 8 | 5 | |

**Proġetti Infrastrutturali**

Tlesta x-xogħol fi Triq San Nikola, Triq l-Isptar il-Qadim, Triq it-Tramuntana, Triq San Pawl.

Sar pavimentar fi Triq Santa Luċija.

Sar xogħol fi Sqaq Toni Bajjada u saru t-tabelli kif ukoll *bollard* biex dan l-isqaq jkun aċċessibbli biss għar-residenti. Saru sqaqin oħra li huma: Sqaq ta' Ljuni w n-nizla ta' ma' Strada Sant'Ursola, Belvedere taħt il-qanpiena u *Carmelite Lane*.

Sar *tarmac* f'Daħlet Ġnien is-Sultan kif ukoll ġiet restawrata l-funtana li hemm f'din il-pjazza. Ix-xogħol ġie ffinanzjat mil-Ministeru tal-Finanzi.

Irranġajna l-bankina ta' Triq it-Teatru u twaħħlu *bollards* quddiem il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu.

Saret *Speed Bump* fi Triq San Nikola minħabba li l-karozzi qed jgħaddu b'veloċita eċċessiva.

Wara talba mill-kumitati tal-festi tal-Karmnu u ta' San Duminku saru tappieri ġodda għall-arbli tal-festa f'diversi postijiet fil-Belt.

Saru parkeġġi ħodor fin-naħat ta' Camarata Buildings.

Inxtraw żewġ *floodlights* u twaħħlu fit-taraġ ta' taħt Dar il-Mediterran.

Saret rampa quddiem id-Domus Pauli fi Triq San Pawl.

Kellhom isiru *double yellow lines* fil-fossa tal-Belt wara li saru xi inċidenti. U minħabba l-ipparkjar ta' karozzi, it-triq kienet inaċċessibli għall-ambulanza, fire engine u anke għat-trakk tal-ġbir ta' l-iskart. Wara li fil-bidu tas-sajf kif ukoll s-sena l-oħra saru xi inċidenti, numru kbir ta' residenti ffirmaw u ppreżentaw petizzjoni lis-Segretarja biex din it-triq issir aċċessibli b'effett immedjat. Għalhekk ittieħdet azzjoni mmedjata għal ġid u fl-interess tar-residenti li jgħixu fl-akkwata fiż-żmien tas-sajf u anke s-sena kollha. Ftit wara li saru dawn il-linji kien hemm inċident fil-pitch tal-*waterpolo* fejn tifel tgħaqqad fix-xibka tal-lasti tal-*waterpolo* u l-ambulanza u l-fire engine kellhom jgħaddu mill-fossa għax in-niżla ta' Marsamxett kienet inaċċessibli għal vetturi kbar.

**Xogħol ta' tisbiħ fil-Belt Valletta**

Il-Kunsill laqgħa bi pjaċir t-talba mingħand l-ELC dwar il-proġett li jitqassmu 250 pjanta għand ir-residenti. Dan hu proġett biex insebbħu l-ambjent ta' area partikolari.

Wara talba mir-residenti biex il-bankijiet ta' Pjazza Mattia Preti jsirilhom dahar, il-Kunsill qabel li dan għandu jsir. Inġabru kwotazzjonijiet biex jew isiru bankijiet ġodda jew inkella jsirilhom id-dahar. L-aħjar offerta kienet dik li jsir dahar tal-Injam lill-bankijiet eżstenti.

**Fondi Mogħtija**

Dawn kienu l-fondi mgħotija fl-2012 mis-Segretarjat ta' Chris Said;

- Fondi – Skema dwar Aċċessibilta' aħjar fil-lokalitajiet
- Fondi għall-Attivita' ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena
- Fondi għall-Attivita' 'L-Belt terġa tieħu l-ħajja'
- L-Fondi għall-attivitajiet Sportivi

**Edukazzjoni**

Il-Kunsill ipparteċipa f'programm ta' *Empowerment* tal-Aġenzija Żagħżagħ bil-għan li jinħoloq zvilupp ħolistiku taż-żgħazagħ. Il-Korsijiet kienu – 'Kun kreattiv' kif ukoll 'Waqqaf sekwenza u kun il-bidla'.

Saru *Creative Thinking Workshops* għat-tfal tal-Belt.

Ġiet organiżżata s-*Summer School*. Il-*Community Worker* ġiet mistiedna tippreżenta l-lista ta' spejjeż simili bħal tas-sena l-oħra. Din is-sena tkellimna mat-tfal biex naraw x'jixtiequ u l-programm sar mat-tfal li jużaw il-Kunsill bħala *homework club*, *volleyball sessions*, *creative course* (proġett pilota) *computer courses* u oħrajn. Is-*summer school* bdiet b'*BBQ* fi Ġnien Hastings biex it-tfal isiru jafu lil xulxin.

Inxtraw kotba għall-*Prize Day*, u l-Kunsill għen fix-xiri ta' materjal audioviżiv għat-tfa ta' li Skola Primarja ta' Sant Iermu.

**Sports**

Fl-2012 saret *on-site visit* fil-*ground* tas-Salinos biex naraw kif nistaw nagħmlu biex inneħħu l-periklu li jezisti kif konna wegħdna.

L-Kunsill laqgħa t-talba tal-*Valletta Football Nursery* biex jagħmlu użu mis-Sala tal-Kunsill biex isiru laqgħat bit-Tema – *Investing in the Future*.

Sar *fan zone* fi Pjazza San Ġorġ għall-*European Cup*. Sar *big screen* fil-pjazza biex il-poplu jista' jgawdi dan l-ispazju. Il-Kunsill ġie avviċinat mill-G7 u din l-attivita saret permezz tal-*isponsors* uffiċċjali tal-*European Cup* - Carlsburg, Hyundai u Kia Motors.

***European Walled Towns***

Sar l-*Executive Meeting* tal-*European Walled Towns Association*. F'din il-laqgħa kien hemm il-Kunsill tal-Birgu, tal-Imdina u tar-Rabat, Għawdex. Il-program ġie ppreparat minn naħa tal-Kunsill tagħna. Din il-laqgħa saret f'Mejju 2012.

Il-Kunsill ħa sehem fi proġett URBACT parti mill-*European Walled Towns* bir-rappreżentanza tal-konsulent Dr Malcolm Borg fl-ewwel laqgħa ta' preparamenti biex issir l-applikazzjoni.

Il-Kunsill innomina lill-Viċi Sindku Joseph Spiteri bħala *President* għall-*European Walled Towns*.
Il-Kunsill laqa' l-istedina tal-*European Walled Towns Association* biex ikun parti mill-*Annual General Meeting*. Għal din il-laqgħa attendew Gabriella Agius, Fabian Galea u Victor Sladden.

Il-Viċi Sindku, s-Segretarja u t-Town Centre Manager attendew għall-konferenza dwar *Sustainable Tourism* tal-*European Walled Towns* ġewwa Dubrovnik.

Wara l-*Executive Meeting* li sar fi Gmundt ġewwa l-Awstrija, l-Kunsill rebaħ il-Presidenza tal-*European Walled Towns*, fejn il-Viċi Sindku Joseph Spiteri nħatar President u s-Segretarja Eżekuttiva tal-Kunsill inħatret is-Segretarja Ġenerali għat-tlett snin li ġejjin.

**Safar**

Bejn it-13 u l-15 ta' Mejju 2012, il-Kunsillier Vincent Farrugia flimkien mal-Community Worker Faye Pirotta attendew għall-*workshop* ġewwa Sweden tas-*Cities for Children*. Bejn is-26 u t-28 ta' Settembru l-Kunsillier Vincent Farrugia flimkien mat-*Town Centre Manager* attenda għall-konferenza oħra tas-*Cities for Children* ġewwa l-Ġermanja.

Bħala preparament għar-Regatta storika li ser issir Malta f'Settembru, fejn grupp mill-Costa Amalfitana ser jipparteċipa fir-Regatta ta' Malta, il-Kunsill tagħna ġie mistieden ġewwa Amalfi. Id-delegazzjoni mill-Kunsill tal-Belt kienet il-Viċi Sindku Joseph Spiteri, l-*Executive Secretary* Gabriella Agius u t-*Town Centre Manager* is-Sur Matthew Carbonaro. Fost il-laqgħat li saru ġewwa Amalfi ġew diskussi kif ser tiġi koordinata l-attivita u l-ispejjeż.

Bejn it-18 u 19 ta' Ottubru 2012 il-Kunsillier Peter Buontempo ppparteċipa f'laqgħa ġewwa Berlin.

***Tenders***

*Tender* għat-Tindif pubbliku u dan inħareġ *fast track* minħabba l-urgenza.

*Tender* ghal-ġbir ta' l-iskart taċ-ċentru kummerċjali u dak residenzjali.

T*ender* tal-*LCD Screens*.

Inħareġ it-*tender* tar-*railings*. Dan inħareġ peress li l-Kunsill rċieva għajnuna finanzjarja mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali pero xorta kien hemm bżonn allokazzjoni mill-*budget* tal-Kunsill.

Ħriġna *tender* tal-*Construction ta' Peacock Garden* u tal-*Project Management* ta' *Peacock Garden*.

It-*tender* tal-vann ingħata lill-unika offerta li ġiet preżentata.

Inħarġu *tenders* tal-*Patching* tat-*Tarmac* u Pavimentar ta' Sqaq l-Iljuni.

Inħareġ *tender* tal-*PV Panels.*

**Bye Laws**

Ġie ppubblikat il-*Bye Law* dwar il-ġbir ta' l-iskart minn stabbilimenti tal-ikel.

**V18**

Nhar it-Tlieta 17 ta' Jannar 2012 sar l-eżami għall-ewwel stadju ta' V18.

Is-Sindku ġie mistieden f'Bolzano biex jitkellem dwar l-eżami li għadda minnu dwar il-V18.

Is-Sindku mar Graz biex jiltaqa' mal-Kumitat tal-V18 bħala preparamenti għal Valletta 2018.

***Twinning***

Saret applikazzjoni ta' *Twinning* ma' Praga Distrett 6. Din l-applikazzjoni saret direttament mal-Kummissjoni Ewropeja ta' Brussell.

**Devoluzzjoni**

Saru applikazzjonijiet għall-Devoluzzjoni;

1. tal-*Main Guard* li tinsab f'Misrah San Ġorġ, biex issir l-Uffiċċju Amministrattiv il-ġdid ta' l-istess Kunsill.

2. ta' *Hastings Garden* li jinsab fi Triq Papa Piju V. Dan biex il-ġnien jigi amministrat totalment mill-Kunsill Lokali.

3. ta' *Peacock Garden* li jinsab fi Triq Marsamxett. Dan biex il-ġnien jigi amministrat totalment mill-Kunsill Lokali.

4. ta' *St. John's Ditch* li jinsab fi Triq l-Assedju l-Kbir. Dan biex il-propjeta' tigi devoluta lill-Kunsill biex dan ikun jista' jamministra skema ta' parkeġġ organiżżat u jiżdied il-parkeġġ fil-Belt Valletta.

**Jum il-Belt**

Il-premju Gieħ il-Belt ingħata lil Soru tal-Orsolini li tagħat kontribut kbir lill-kommunita' Beltija fil-ħidma tagħha mat-tfal Beltin.

Il-premju tal-*photo competition* ingħata f'Jum il-Belt.

**Attivitajiet**

Il-Belt Valletta kienet parteċipi fl-attivita' Betlehem f'Għajnsielem. Din is-sena s-Slaten Magi telqu minn Pjazza San Ġorġ nhar is-Sibt 7 ta' Jannar 2012.

Iċ-*Chinese Spring Festival* sar fl-14 ta' Jannar 2012. Il-Kunsill jalloka €4,000 mill-*budget* tal-attivitajiet għal dan il-għan.

Fis-17 ta' Jannar 2012, Il-*Historical Re-enactment Group of Malta* organiżża attivita fit-toroq tal-Belt.

Nhar l-1 ta' Ġunju 2012 ġiet organiżżata n-*Neighbour's Day*, ġurnata ewropeja għall-ġirien. Din l-attivita kienet għall-Kommunita Beltija. Fost l-attivitajiet li ġew organiżżati f'din il-ġurnata kien hemm *football tournament*, *Foodstalls* organiżżati mill-Parroċċi, *carwash* u *jamming stage*. Dawn l-attivitajiet kienu ko-ordinati mill-*Valletta Community Network*.

Nhar is-7 ta' Ġunju 2012 sar il-kunċert annwali tas-*Sette Giugno*.

Reġgħat ġiet organiżżata ġurnata gewwa Sqallija.

Bejn l-1 u t-2 ta' Settembru saret il-Ġostra fix-Xatt ta' Marsamxett u l-Kunsill ipprovda s-*sound*, tazza u l-ġostra.

Fid-29 u t-30 ta' Settembru 2012 saru n-*Notte Bianca* u *Researchers Night* rispettivament. Saret *fun day* għat-tfal tal-Belt fis-*Salinos Ground* fil-*mid-term holidays*.

Lejlet l-ewwel tas-sena saru l-attivitajiet ta' ċelebrazzjonijiet.

**Amministrazzjoni**

Is-Segretarja għamlet analiżi dwar l-bżonnijiet li l-Kunsill tal-Belt għandu bżonn. Spjegat li l-impjegati ta' Kunsill ta' Belt Kapitali għandu jirrifletti dawn l-bżonnijiet. Għalhekk saret *re-organisation* tal-*Organigram* tal-amministrazzjoni. Dan ser jgħin biex inkunu *geared* għas-sena 2018, s-sena fejn il-Belt ser tkun *European Cultural Capital*. Għalhekk l-*post* vakanti ta' *clerk* inbidel f'*post* għal *Town Centre Manager*, dan ser ikun responsabbli min *Marketing*,

*Communication u Infrastructure*. Dan il-*post* ser jirrifletti d-diversi laqgħat li diġa saru ma' diversi *stakeholders* flimkien ma' dak li kien is-Segretarjat tat-Turizmu u s-Seġretarjat inkarigat mill-Kunsilli. Is-Segretarja kienet tattendi għal dawn il-laqgħat allura setgħat tipprepara dan il-*post* skond it-*training* li ħadet. Il-persuna magħżula mill-*Board* kien is-Sur Matthew Carbonaro.

Inħarġet *call for applications* għal ta' *Works Coordinator*. Wara li saru l-*interviews* il-*board* għażel lil Joseph Griffiths.

**Affarijiet Oħra**

Il-Kunsill ta l-kontribut tiegħu sabiex jinfetaħ *Youth Cafe* fi Triq it-Teatru u jilqa' żagħżagħ Beltin.

**Konkluzjoni**

Kif wieħed jara minn dan ir-rapport, jinnota l-impenn u r-responsabbilita li għandu l-Kunsill lejn ir-resident u ċ-ċittadin.

Jingħata ringrazzjament lis-Sindku u l-Kunsilliera kollha li volontarjament offrew is-servizz tagħhom f'kull aspett sabiex seta' jsir dan ix-xogħol fil-lokalita. Filwaqt li ma jonqosx ukoll ir-ringrazzjament lis-Segretarja Eżekuttiva u l-ħaddiema kollha tal-Kunsill li jagħmlu l-almu tagħhom kollu sabiex mill-aħjar li jistgħu jitwettqu l-*policies* tal-Kunsill.